*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 33**

**It-Tnejn 24 ta' Jannar 2022.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**33.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**33.2.1** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 32 li saret Nhar it-Tnejn 20 ta' Diċembru 2021:</u>***

Ma kienx hemm emendi.

Il-Kunsillier is-Sur is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u s-Sindku s-Sur Mario Calleja ssekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**33.2.2** ***<u>Matters Arising tal-laqgħa 32 li saret nhar it-Tnejn 20 ta' Diċembru 2021.</u>***

**33.2.2.1** Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 32.2.6 rigward il-parkeġġ tal-iskola fejn qal illi l-Kunsill kien wasal sabiex jiffirma il-*memorandum of understanding* pero` il-*Permananet Secretary* is-Sur Fabri irreżenja u qed jistennew sabiex jinħatar is-suċċessur tiegħu.

Il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri staqsa x'kien għad fadal sabiex jiġi konkluż dan l-arranġament.

Is-Sindku qal li f'dan l-aħħar tlett snin ma waqfux jaħdmu sabiex jiffinilizzaw dan il-ftehim u fadal l-aħħar rapport mil-Perit tal-iskola pero` peress li issa ser jinħatar/tinħatar *Permanent Secretary* ġdid allura jridu jistennew ftit sabiex jkomplu bil-ftehim li kien qed isir ma din il-persuna maħtura ġdida.

**33.2.2.2** Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 32.2.8 rigward id-dawl mill-pitch sa fejn Gnien Alfred Debono.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li il-covers tal-*istainless steel* u lampi ġodda fi Triq ix-Xatt lesti.

Il-Kunsillier is Sur John B Camilleri qal li il-kuntrattur kien qed jistenna xi lampi minn barra minn Malta u issa waslu u l-ġimgħa d-dieħla ser jibda ix-xogħol fuq id-dawl ta' Ġnien Alfred Debono u għaldaqstant qal li irridu nibgħatu *works order* lil Catbros sabiex issir trinka u jinstalla l-pipijiet għal ħdejn l-monument.

Kien hemm qbil li noħorġu *works order* lil Catbros u jsir meeting flimkien mal-Catbros u Nexos.

**33.2.2.3** Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 32.2.9 fejn qal li issa qed noperaw mill-binja il-ġdida. Is-Sindku spjega li ser nibdew sistema ġdida fejn il-boroż il-grizi u l-bojod ser jibdew jitqasmu kull nhar ta' Tnejn minn ħaddiem tal-komunita' sabiex il-ħaddiema klerikali tal-*customer care* jkunu jistgħu jiffukaw fuq ix-xogħol tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk jistgħux jitqasmu fuq jumejn minflokk fuq ġurnata waħda, huwa qal kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis.

Is-Sindku qal li ma hemmx għalfejn darbtejn fil-ġimgħa u dan kif qed isir Kunsilli oħra u jekk ma nlaħqux mad-domanda tiżdied ġurnata oħra.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa x jiġri jekk xi ħadd ma jkunx jista jiġborhom kull nhar ta' Tnejn.

Is-Sindku wieġbu li jista jiġborhom xi ħadd ieħor minflokk bil-preżentazzjoni tal-id card tagħhom

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsta minn meta ser tinbeda din is-sistema.

Is-Sindku wieġbu li minn Frar.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli staqsa jekk tistax issir is-Sibt minflokk minħabba dawk in-nies li jaħdmu.

Is-Sindku qal illi s-Sibt ħaddiema tal-komunita` ma jaħdmux u skirvana waħda ma tlaħħaqx u infatti lanqas pagamenti mhux qed jsiru kull nhar ta Sibt.

- ***Il-Perit John Schembri daħal għal laqgħa fis-6.24pm***

**33.2.2.4** Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 paragrafu 32.2.14 rigward il-*meeting* li kellhom mal-Ministru Ian Borg fuq il-yacth marina flimkien mal-Kunsilliera Is-Sur John B. Camilleri, is-Sur Charlot Mifsud, is-Sur Ryan Portelli, Dr. Patrick Camilleri u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon. Huwa kompla jgħid illi kemm mal-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud u Dr. Errol Cutajar kien tkellem magħhom qabel ma attendew għal din il-laqgħa peress li ma setgħux jkunu preżenti izda kellhom l-istess ħsibijiet. Huwa qal illi l-Ministru ma kienx irrisponda l-email tagħna għaliex kienet intbgħatet lilhu fuq email ħazina b'referenza għat-talba għal-laqgħa miegħu.

Huwa beda biex jispjega illi għal din laqgha kien hemm il-Minitsru Ian Borg, iċ-Chairman ta' Transport Malta u is-Ceo tat-Transport Malta. Huwa qal li din kienet applikazzjoni li ħarġet mit-Tmalta, u irriżultaw affarijiet li ma kienux jafuhom. Huwa qal li din ma kienitx kwistjoni partiġjana imma l-Kunsill sema il-karba tar-residenti fuq anke il-proposti li kienu qed jsiru fejn issemmew iż-żoni tal-għawm, in-nar tradizjonali tal-festi, u is-simenta li kienet ser tittieħed lill Għaqda Baħħar au Sajjieda u anke ir-*reclamation of land* li infatti lanqas il-*waterpolo pitch* mhux ser jsir. Huwa qal li l-Ministru talabhom sabiex il-Kunsill jagħmel is-sottomissjoni tiegħu u jippreżentahom lilhu. Huwa qal li il-Kunsill kien ċar illi l-Marina ma jridix li ssir.

Is-Sindku qal li tkelmu ukoll fuq il-bżonn ta' *wave breaker* fejn qal li hemm bżonn ta lqugħ minħabba l-ħsara li ssir meta tkun grigalata. Huwa qal li dan dejjem jrid jittieħed parir tal-esperti. Huwa qal li hemm ħafna irmiġġi li mhux reġistrati u anke dawk reġistrati iżda għad ma għandhomx post u hemm bżonn ta organizzajoni tal-irmiġġi, kif ukoll jintranġaw il-mollijiet imkissra li hemm u għaldaqstant huwa tal-fehma li l-Kunsill għandu jitfa is-sottomossjoni tiegħu.

Is-Sindku qal li ried jgħamilha ċara li l-*artistic impression* li kienet ħarġet la kienet ħarġet min-naħa tal-Ministru u laqnas min-naħa tal-Gvern. Huwa qal ukoll illi waqt il-laqgħa qalulhom sabiex il-Kunsill jniżżel dak li ma jridx u huma ser joqgħodu fuq dak li l-Kunsill jkun qed jitlob.

Is-Sindku qal li issa deħlin għat-tieni fażi ta' din l-applikazzjoi fejn fil-preżent hemm erba offerenti fejn issa ser jiġu tlieta. Huwa kompla jispjega illi l-Kunsill jista jippreżenta l-pożizzjoni tiegħu fejn marina ma jridx li ssir u laqas jitmessew il-punti li diġa semma iktar kmieni, kif ukoll issir *fareway* xierqa għas-sajjieda. Huwa qal li l-punti jridu jkunu ċari u jiġu preżentati sas-17 ta' Frar 2022. Huwa qal li kieku saret din il-marina kienu ser jweġġu ħafna għaqdiet.

- ***Il-Kunsillier Dr.Errol Cutjar daħal għal laqgħa fis6.44pm***

Il-Viċi Sindku s-Sinjorna Janice Falzon qalet li huwa importatni illi nkunu ċari fil-pożizzjoni tagħna ta' dak li irridu u li ma rridux ħalli il-*bidders* jkunu jafu x'inhi l-pożizzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-Ministru waqt il-laqgħa stqarr li ma kienx jaf bil-pożizzjoni tal-Kunsill, fejn huwa kompla jgħid illi kieku stess ma kienx irċieviex il-komunikat tagħna pero` stqarrijiet u protesti saru u kienu anke imxandra fil-media u anke pettizjoni lill-EU intbgħatet min-naħa tar-residenti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li l-Ministru qal ħaġa importanti ħafna fejn qal li kieku kien jaf bil-pożizzjoni tal-Kunsill kien iwaqqaf il-proċess u ma jibqax għaddej bil-*procedures*.

Is-Sindku wieġbu li l-Ministru mhux hekk qal u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri reġgħa saħaq illi hekk qal.

Is-Sindku qal illi għalhekk hemm bżonn li nibdlu l-mozzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li ma għandux x'jaqsam il-mozzjoni ma dak li qed jintqal. Huwa qal li l-mozzjoni qeda ċara u tgħid li l-Kunsill ma jaqbilix ma l-ebda proċess u kontra kull fażi. Huwa qal illi jekk aħna ser nibgħatulhom il-proposti tagħna jfisser li aħna naqblu illi dawn it-tlett bidder jistgħu jieħdu l-art u jimmeniġjawha għal ċertu ammont ta' snin.

Il-Viċi Sindku qalet illi l-konċezjoni tfisser li aħna ser ntuhom il-baħar

Is-Sindku qal li l-kelma konċezzjoni forsi qarqet ftit bih peress li ma kienx jaf ezatt id-definizzjoni tagħha u issa sar jaf li din tfisser illi l-proġett jingħata l-privat. Għaldaqstant min-naħa tal-Kunsill naqblu li jekk isir xi tisbieħ isir min-naħa tal-Gvern. Huwa tal-idea li l-mozzjoni tinbidel u hemm bżonn ngħidulhom xi irridu u x'ma irrdux. Huwa qal li irridu ngħidulhom xi protestaw għalih in-nies.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li n-nies kontra il-marina.

Il-Viċi Sindku qalet li għaldaqtsant il-mozzjoni kif qeda hija tajba.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li huwa kontra illi l-privat jinvesti f'parti mill-bajja.

Il-Kunsillier is-Sur John B, Camilleri qal li l-Ministru tefa l-ballun f'saqajn il-Kunsill jekk għandux jkompli bit-*tendering procedure* jew le u la hu qalilna li din il-mozzjoni hija tajba biżżejjed biex jieqaf il-proċess allura lanqas biss tgħaddilhu minn moħħu li nbiddlu l-mozzjoni.

Is-Sindku qal li huwa ma jaħsibx li xi bidder ser jiġi u jirrenġa l-irmiġġi biss.

Il-Viċi Sindku is-Sinjorina s-Sur Janice Falzon qalet li jaqblu mal-konċessjoni u ma jaqblux li jiġu rrenġati mill-privat iżda mill-gvern

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li l-Ministru qalilna li Transport Malta tista torganizza l-irmiggi u filwaqt *Infrastructre Malta* tista tirrenġa l-*breakwaters*, allura aħna xorta nistgħu nirrenġaw il-problemi li għanda.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal li l-Ministru qal li bil-mozzjoni kif inhi l-*bidder* jistgħu jaraw jekk jidħlux għad din il-proposta bil-kundizzjonijiet li hemm fil-mozzjoni.

Is-Sindku qal li huwa ma jiftakarx li kien ltaqa flimkien mal-Viċi Sindkuu mas-Ceo ta' Tmalta u raw xi pjanti.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qaltlu li iva kienu iltaqu mas-CEO u mal-Għaqda Baħħara u Sajjieda iżda ma kienux raw l-ebda pjanti. Hija qalet li kienu saħqu li l-marina ma jriduwiex. Hija qalet li d-deċiżjoni għanda tkun jekk naqblux fuq il-mozzjoni jew le filkas jittieħed vot.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li mill-argumenti li ħarġu f'din il-laqgħa hija cara li l-Kunsill ser jibqa bil-mozzjoni oriġinali u li l-*bidders* ma għandiex bżonnhom.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li la l-Ministru qalilna li nistgħu inħallu l-mozzjoni kif inhi ma għandiex għalfejn noqgħdu inbiddlu il-mozzjoni bla bżonn. Huwa qal li huma jridu jgħalqu kull opportunita li l-bidders jistgħu jkomplu bil-proċess. Huwa qal li xorta mhux ha jkun hemm garanzija illi per eżempju in-nar b'yatch marina ser jsir.
Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal li mela allura jaqbel ma dak li qed jgħid s-Sindku fejn mhux tinbidel il il-mozzjoni pero` jekk hemm xi affarrijiet fil-mozzjoni li jistgħu jdurhu magħhom anzi ma jkunx hemm possibilita ta xejn.

Is-Sindku qal li hu dak eżatt x'ried jgħid

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li fil-mozzjoni qeda titratta biss il-privat imma jekk tinbidel anke il-Gvern ma jkunx jista jgħamel yatch marina.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li ħa ngħaddu il-messaġġ l-Kunsill ma jafx x'jrid u huwa qal li jekk il-mozzjoni kif inhi hija *check mate* mela ma għadniex għalfejn inbidlu xejn.

Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri qal li l-Ministru qal li kif inhi il-mozzjoni ser naqtgħu l-interess tal-*bidders* filwaqt li dak li qed jgħid is-Sindku huwa li nsostu dak li diġa hemm u pjuttost ngħalqu iktar il-bibien.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa x'hemm nieqes fil-mozzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli reġa qara l-mozzjoni.

Il-Viċi Sindku qalet li forsi ngħamluha ċara fuq il-protezzjoni tal-Magħluq.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk nidħlu f'diskussjonijiet umbgħad għandna inresqu l-propsosti tgħana.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-bidders ibbidjaw fuq dokumetazzjoni u issa jekk ser inbidlu il-kontenut ta' dan id-dokument it-tender trid taqa għaliex kif qed jitlob il-Kunsill jrid jinbidel il-kontentut tat-tender li diġa hemm. Huwa qal li biex issir organizzazjani tal-irmiġġi jrid joħroġ tender ġdid u dan il-proċess jrid jaqa.

Is-Sindku qal li issa trid toħroġ vuċi waħda bħala Kunsill u mhux kulħadd joħroġ fuq is-social media jgħid tiegħu.

Il-Kunsillier Dr.Errol Cutajar qal li importanti illi jekk ser toħroġ stqarrija toħroġ eżatt fuq il-kliem preċiz li hemm fil-mozzjoni.

Il-Kunsill qabel illi mozzjoni ser tibqa kif inhi u ser niktbu lil Ministru li ser nibqu konformi mal-mozzjoni kif inhi kif ukoll nibghatu lis-Sur Joe Bugeja, lis-Sur Kevin Farrugia li huma ic-Ceo u l-Vice Ceo tat-Transport Malta kif ukoll lis-Sur Michael Cohen.

33.2.2.5 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem fuq paġna 3 paragrafu 32.2.10 fejn qal li quddiem id-daħla tal-klinic qed jżomm l-ilma.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li jekk mhux żbaljat qal li kellhu jsir xi gutter.

Il-Kunsill qabel li niġbdu l-attenzjoni tal-kuntrattur u tal-Perit.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li qed jkun hemm problema li minn jiġi l-Kunsill mhux qed jsib jipparkja u huwa tal-opinjoni li jsir parkeġġ wieħed li jkun *allowed for 30 minutes*

Kien hemm qbil li jsir parkeġġ wieħed *For Local Council use allowed for 30 minutes*.

33.2.2.6 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 5 paragrafu 32.2.15 fejn staqsa jekk kellimniex lil Perit fuq il-*manhole* tħabbat fi Triq ir-ridott ma Triq il-Qaliet u anke jsiru *speed markings limit*

Il-Kunsill qabel li niktbu lil Perit ta' Transport Malta.

33.2.2.7 Is-Sindku tkellem fuq paragrafu 32.7.2 fejn id-Dipartiment tal-Kunsill Lokali aċċetta il-ġemellaġ maċ-Ċina kemm jsir rapport b'xi ritratti. Huwa kompla jisjega l-aħjar li l-ewwel darba jiġu huma.

**33.3 *Komunikazzjoni mis-Sindku:***

**33.3.1 Dawl fi Ġnien Sant'Anna.**

Il-Kunsillier Charlo Mifsud qal li Ġnien Sant'Anna qiegħed bla dawl kull ma hemm xi żewġ globi jixgħelu. Huwa qal li speċjalment il-globi li hemm ħdejn it-taraġ ma jixgħelux għax minn joħroġ mill-knisja jkun hemm dlam ċappa.

Is-Sindku qal li hemm ser jibda ix-xogħol.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li dak ix-xogħol kellhu jsir tlett snin ilhu imma minħabba li kien ser jsir il-Kunsill stennejna biex isir ix-xogħol tal-bini tal-Kunsill l-ewwel. Huwa qal li s-sistema ta' *wiring* u globi li hemm hemm kollox spiċċut. Huwa kompla jgħid illi ma jistax joqgħod jibdel arblu wieħed biss iżda hemm bżonn li tinħareġ sejħa għal offerti li jinbidel id-dawl kollhu għaliex kull ma hemm tajjeb huwa il-consumer unit.

Is-Sindku qal li huwa tal-opinjoni illi kif appenna jsir it-tisbiħ ta Ġnien Sant'Anna wara jsir id-dawl peress li fit-*tender* li hemm ma hemmx dawl.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-aħjar li ngħaddu il-pipijiet li hemm bżonn qabel ħalli umbgħad ma terġax tinqala il-kurduna.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi fit-tender li għandna bil-fondi tal-EU li ser jiġi implimentat issa tat-tisbieħ ta Ġnien Sant'Anna irrid jitwettaq sal-aħħar ta' Mejju u ma jsitax jiġi devjajt xejn mit-tender għaliex dan huwa tender bil-fondi tal-EU u nistgħu nitilfu il-fondi tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega x'ser jsir fil-ġnien hekk kif stipolat fit-tender.

Id-diskussjoni tkompliet kif jista jsir ix-xogħol tad-dawl,

Il-Kunsill qabel illi niltaqgħu mal-Kuntrattur tagħna Catbros sabiex jgħamel it-trinka u man-Nexos sabiex jgħamel id-dawl u jgħatuna stima tax-xogħolijiet.

**33.3.2 Triq is-Sibbien ma jsir twaqqih u tħammil fis-sajf.**

Is-Sindku qal li Triq is-Sibbien ser tidħol mal-lista tal-MTA sabiex fis-sajf ma jkunx jista jsir skavar u twaqqigh ta' siti tal-kostruzzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament,

**33.3.3 Neutering u Verterinary sErvie għal stray cats.**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li din is-sena mhux ser jkun hemm l-iskema tal-ikel għal *istray cats*, izda minflokk qed titlob lil Kunsill jalloka €4000 inkluż il-vat fis-servizz ta *neutering u veterinary service*. Hija kompliet tgħid li l-*veterinary service* jkun hemm ammont stipulat ta' €25,

Il-Kunsill qabel dwar dan.

Is-Segretarju Eżekttiv spjega illi fir-rigward tal-applikazzjoni tal-*animal steward* li kien applika għalija il-Kunsill, baqgħu ma bagħtux il-lista tan-nies eleġibli min-naħa tal-jobsplus,

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li dik is-sejħa waqfet u ser toħroġ sejħa oħra.

**33.3.4 <u>Car Damages (35/0248/22/I):</u>**

Il-Kunsill reġa iddiskuta claim tas-Sur Sheperd fejn qed jikkontesta d-deċiżjoni tal-Kunsill illi jiġi rifuż l-ispejjeż li għamel fuq il-vettura tiegħu li ma kienx fuq it-tyre, liema deċiżjoni ma kienetx favur illi l-Kunsill jħallas lis-spejjeż.

Il-Kunsill qabel illi jibqa bl-istess pożizzjoni li ma jħallas l-ispejjeż.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li li hemm bżonn issir l-ewwel biċċa ta' Triq La Sengle.

Is-Sindku qal li bħal issa mhux il-waqt li ssir.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li hemm ħofra fonda quddiemu.

**33.3.5 <u>Invoices for Coaching Services by MFC Nursery (35/0253/22/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-*invoice* tal-*coaching services* fejn innota li l-aħħar waħda qeda għal perjodi sal-aħħar ta Frar 2022 u għalissa ma nħalsuwiex peres li żmien għadu ma għaddiex.  Huwa kompla jgħid bħal ma għamilna ma għaqdiet oħra nitolbuhom jipreżentaw l-irċevuti tal-*coaching services* li ħalsu huma.

Il-Kunsill qabel li nitolbuhom kopja tal-irċevuta fiskali li ħalsu huma tal-*coaching service* qabel niproċedu bil-ħlas.

- Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi l-camera ta' Triq iz-Zonqor qeda mdawra bil-maqlub.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ħareġ mil-laqgħa fis-7.44pm***

**33.3.6 <u>Stedina proġetti fil-komunita 2022 (35/0280/22/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi din stedina fuq il-proġett li konna applikajna għalija għal *playingfield* ta' San Tumas fejn l-ewwel ma kienetx aċċettata peress li konna applikajana tard fi ħdan id-DLG umbgħad konna applikajna għal fondi tal-LESA u irbaħna l-fondi.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li importanti li l-appart jsir *eco friendly* u mhux tal-ħadid.

Il-Kunsill qabel li tattendi il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon.

**33.3.7 <u>Flag poles quote and info (35/0218/22/I)</u>**

Is-Sindku qal li kellem lil-Grupp tal-armar illi l-Kunsill kien diġa ftijem mal-Għaqda Mużikali Sant'Anna sabiex jixtri l-arblu mingħandhom.

Is-Sindku qal li fadal biss niddeċidu fejn ser inwaħluh.

**33.3.8 <u>SPI/SCI/1/2022 Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-playingfields f'Malta u Għawdex.</u>**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet jekk nistgħux napplikaw għal-irrenġar tat-tapit ta' Pjazza Mifsud Bonnici.  Hija issuġerit li ir-*rubber flooring* bl-insitu.

Is-Sindku qal li din il-problema tiegħu hija li jekk titqatta biċċa minnhu trid tbidlu kollhu.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Falzon qalet illi issa qed jgħatu fi tip ta likwidu fuqhu li ma jitqattax.

Il-Kunsill qabel li napplikaw għar-*rubber flooring* tal-Pajzza Mifsud Bonnici.

**33.4** ***Twegibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera:***

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija

**33.5** ***Rapporti:***

**33.5.1** **KLM 2021/03 Tender for the Supply of a full electric van for Marsaskala Local Council.**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser nerġu noħorġu sejħa oħra u ser intawlu t-*time of delivery.*

**33.5.2** **KLM 2021/04 Tedner for the supply of a second hand truck with open box for Marsaskala Local Council.**

Is-Segretarju Eżekutiv spejga illi min din is-sena iridu iniżlu l-*emission* skond il-kriterja tal-gpp u il-vannijet importati mill-ġappun ma jkunux jistgħu jippreżentaw ċertifikat ta' dan u dan huwa impossibli illi nixtru van bl-*emission* mitluba għal *budget* li għandna.

Is-Segretarju Eżekttuv qal li jew imorru għal *leasing*.

Is-Sindku qal illi l-*leasing* zgur li mhux worth it għal tul ta' zmien. Huwa qal li *expensive* ħafna.

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud qalet li bil-*leasing* ser jiġi għoli ħafna u hija tal-opinjoni li nitolbu permess lid-dipartiment sabiex jgħatuna permess speċjali għal *direct order* bl-ammont li għandna bżonn.

Il-Kunsill qabel unanimament li nitolbu lid-Dipatiment għal *special works order* tal-ammont ta' €15,000 eskluż il-vat.

➢ ***Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Flazon ħarġet mil-laqgħa fit-8.05pm***

**33.6** ***Items oħra ta xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkun meħtieġ:***

Ma kienx hemm items oħra.

**33.7** ***Korrispondenza:***

**33.7.1** **Claim mingħand is-Sinjura Karen Barbara (35/0224/22/I)**

Il-Kunsill innota li tyre ma nqasamx b'ħofra pero max-xifer ta' tappira tal-GO u għaldaqstant il-Kunsill ma għandux jħallas dawn l-ispejjeż. IlKunsill innot aukoll illi l-ħsara li għamel f'dan ir-rim mhux kompatibli mar-ritratti

Il-Kunsill qabel li ma jħallasx din il-klejm u nibgħatu kollox lura lil din il-persuna li qed tiklejma.

**33.7.2** **Twinning Marsaskala LocalCouncil and Dujiangyan China (35/0092/21/I)**

Din diġa ġiet diskussa iktar kmieni f'din is-seduta,

**33.7.3** **Yacht Marina f'Marsaskala (35/0009/22/I)**

Din diġa ġiet diskussa iktar kmieni f'din is-seduta.

**33.7.4** **Quote regarding website design and development.**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega il-*website* hija irrenġata imma l-*backend* mhux kif suppost u il-persuna li kien għamel il-wesite preżenta *quote*.

Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri qal li kif kien iddisinjaha hu kienet iktar faċli għax kienet bid-*drag and drop* u jista jużah kulħadd. Huwa kompla jispjega li l-*website* lesta min-naħa teigħu pero` hu ma baqax jupdetjaha issa bl-impenji tiegħu.

Il-Kunsill qabel l-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri jgħaddi l-website li kreja hu sabiex narawha u niddiskutwuha fis-seduta tal-Kunsill li jmiss.

**33.8** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti:***

**33.8.1** Is-Segretarju Ezekuttiv preżenta il-PettyCash ta' Novembru/Diċembru 2021.

**33.8.2** Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-invoices li daħlu tard.

- Mr. Albert Vella Filing and archives units li jammonta għal €5254.00

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**33.9** **Mozzjonijiet:**

**33.9.1** **Mozzjoni mressqa mis-Sindku u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (087-6/1/2)2:**

*''Jipproponi li l-funtana fi Ġnien Charles Clews timtela bil-ħamrija u jitħħawlu xi xtieli minflokk, peress illi dan l-aħħar kienu qed jidħlu diversi lmenti fuq l-upkeep tal-funtana fi Ġnien Charles Clews. Din apparti l-ħsarat u spejjeż xorta waħda tiġi abbużata minn xi barranin billi ake meta tkunqed tiffunzjona jinżlu jinħasslu fiha. Apparti hekk tkun ta' kuljumm mimlija weraq taż-żebbuġ.''*

Is-Sindku qal li hu qabel ma għamel il-mozzjoni tkellem ukoll mat-tifel tal-mibki Charles Clews is-Sur Alan Clews u kien hemm qbil.

Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar qal li l-importatni li l-intervent li ser jsrilha jkun riversibli.

Il-Kunsill qabel unanimament fuq din il-mozzjoni

**33.10** **Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss:**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tlieta 15 ta' Frar 2022 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 24 ta' Jannar 2022.

| | |
|---|---|
| ______________ | ______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |